**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Maġistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Rikors Nru. 121/07VG**

**Stephen Micallef eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Fire & Security Engineering**

**Vs**

**Carmel Raymond Micallef u b'Digriet tal-21 ta' Frar 2008 ġie kjamat in kawża Emanuel Bajada**

**Illum 29 ta' April 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Stephen Micallef, eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Fire & Security Engineering, fit-2 ta' Mejju 2007, permezz ta' liema jitlob li Carmel Raymond Micallef jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' tlett elef u seba' mitt Lira Maltija (Lm3,700), illum ekwivalenti għal tmint elef sitt mija u tmintax-il Euro u tmienja u sittin ċenteżmu (€8,618.68), rappreżentanti bilanċ minn somma akbar, liema ammont huwa dovut għal xiri ta' *fire, security* u *cctv equipment* li twaħħlu minnu u impjegati tiegħu ġewwa "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, skond kuntratt iffirmat minn Carmel Raymond Micallef fl-10 ta' Awwissu 2004, anness mar-Rikors bħala Dok. "A", fejn l-istess Carmel Raymond Micallef assuma r-responsabilità għal dawn l-affarijiet, bl-imgħax legali dekoribbli mid-data ta' meta kien dovut il-pagament sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 8646/06, annessa mar-Rikors bħala Dok. "B", kontra Carmel Raymond Micallef;

Rat id-dokumenti annessi mar-Rikors promotur markati Dok. "A" u Dok. "B" a fol. 2 sa' 34 tal-proċess;

Rat ir-Risposta ta' Carmel Raymond Micallef permezz ta' liema joppponi għat-talba attriċi u jitlob li l-istess tiġi miċħuda, bl-ispejjez kontra l-attur, stante li: (i) hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa ma għandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza

tal-ġudizzju għaliex, kif jaf ben tajjeb l-attur, huwa (ossia l-konvenut) fil-kwalità rappreżentattiva, u qatt personali, tiegħu dejjem agixxa bħala mandatarju ta' u fuq istruzzjonijiet u inkarigu ta' Emanuel Bajada, sid il-fond "Adam's Guest House" f'San Giljan, illi kien il-fond fejn, kif ikkonfermat mill-istess attur fir-Rikors promotur, ġie installat l-apparat illi għalih tirreferi din il-kawża; (ii) bla preġudiżżju għall-ewwel eċċezzjoni, f'dan il-każ jeħtieġ illi jiġi kjamat in kawża l-prinċipal tiegħu (ossia tal-konvenut) fil-kwalità rappreżentattiva u mhux personali tiegħu, ossia s-sid ta' l-"Adam's Guest House", Emanuel Bajada; u (iii) in linea sussidjarja u bla preġudizzju għal dak ġia eċċepit, huwa dejjem agixxa fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju ta' Emanuel Bajada, mhux f'ismu proprju iżda għan-nom tas-soċjetajiet RC Constructions Ltd u Varex Ltd, kif jirriżulta mill-invoices annessi mar-Rikors promotur, u għalhekk anke minn dan l-aspett huwa ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Rat ir-Rikors tal-konvenut ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2007[1] permezz ta' liema jitlob il-kjamata in kawża ta' Emanuel Bajada, liema talba ġiet milqugħa b'Digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2008[2];

Rat ir-Risposta tal-kjamat in kawża Emanuel Bajada permezz ta' liema jopponi għat-talba attriċi u jitlob li l-istess tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra l-attur stante li: (i) hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa ma għandu u ma kellu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; (ii) bla preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni, kull obbligazzjoni mertu ta' din il-kawża kienet assunta mill-konvenut Micallef; u (iii) fi kwalunkwe każ u bla preġudizzju għal dak ġia eċċepit, kull ammont li jista' jkun dovut, tħallas minnu (ossia mill-kjamat in kawża) lill-konvenut Micallef;

Rat l-affidavit ta' l-attur a fol. 47 u 48 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' Cynthia Micallef mogħtija waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2008[3] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "CM1" sa' Dok. "CM6" a fol. 52 sa' 57 tal-proċess, rat l-affidavit ta' Tony Dalli markat Dok. "TD" esebit mill-attur permezz ta' Nota ppreżentata fis-6 ta' Frar 2008 a fol. 58 u 59 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Matthew Mifsud mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Frar 2008[4] u x-xhieda tal-kjamat in kawża Emanuel Bajada mogħtija waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2008[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "EB1" u Dok. "EB2" a fol. 84 u 85 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tal-konvenut mogħtija waqt is-seduti tal-11 ta' Mejju 2009[6] u tat-18

---

[1] Fol. 42 tal-proċess.
[2] Fol. 64 tal-proċess.
[3] Fol. 49 sa' 51 tal-proċess.
[4] Fol. 61 sa' 63 tal-proċess.
[5] Fol. 81 sa' 83 tal-proċess.
[6] Fol. 88 sa' 92 tal-proċess.

ta' Frar 2010[7] u x-xhieda ta' David Tabone[8], Anthony Galea[9] u Joe Borg Cardona[10] mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2009 u rat id-dokument esebit minn David Tabone markat Dok. "DT" a fol. 107 sa' 112 tal-proċess u d-dokumenti esebiti minn Anthony Galea a fol. 115 sa' 126 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Ignazio Mallia mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Frar 2010[11], tat-23 ta' Mejju 2011[12], tas-17 ta' Ottubru 2011[13] u tad-9 ta' Jannar 2012[14] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "GV1" a fol. 216 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Audrey Ghigo, in rappreżentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c., mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Frar 2010[15], tas-17 ta' Jannar 2011[16] u tad-29 ta' Marzu 2011[17] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "AG1" sa' Dok. "AG5" a fol. 156 sa' 159 tal-proċess u Dok. "AG" a fol. 202 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tan-Nutar Mark Coppini mogħtija waqt is-seduti tad-9 ta' Jannar 2012[18] u tas-7 ta' Frar 2013[19] u rat id-dokument esebit waqt is-seduta tad-9 ta' Jannar 2012 a fol. 22o tal-proċess;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur a fol. 245 sa' 257 tal-proċess u n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut a fol. 266 sa' 273 tal-proċess;

Rat li waqt is-seduta tas-16 ta' Marzu 2015[20], id-difensur tal-kjamat in kawża ddikjarat li l-istess kjamat in kawża ma għandux sottomissjonijiet bil-miktub x'jressaq;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proċeduri odjerni l-attur, eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Fire & Security Engineering, jitlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' Lm3,700, illum ekwvalenti għal €8,618.68, rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovut għal xiri ta' *fire, security* u *cctv equipment* li twaħħlu minnu w impjegati tiegħu ġewwa "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, skond kuntratt iffirmat mill-konvenut fl-10 ta' Awwissu 2004, fejn l-istess konvenut assuma r-responsabilità għal dawn l-affarijiet.

Il-konvenut jopponi għat-talba attriċi u jitlob li l-istess tiġi miċħuda stante li: (i) hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa ma għandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza

[7] Fol. 167 sa' 169 tal-proċess.
[8] Fol. 105 u 106 tal-proċess.
[9] Fol. 113 u 114 tal-proċess.
[10] Fol. 127 u 128 tal-proċess.
[11] Fol. 162 u 163 tal-proċess.
[12] Fol. 211 u 212 tal-proċess.
[13] Fol. 217 u 218 tal-proċess.
[14] Fol. 221 tal-proċess.
[15] Fol. 164 sa' 166 tal-proċess.
[16] Fol. 189 tal-proċess.
[17] Fol. 203 tal-proċess.
[18] Fol. 222 u 223 tal-proċess.
[19] Fol. 237 sa' 239 tal-proċess.
[20] Fol. 274 tal-proċess.

tal-ġudizzju għaliex, kif jaf ben tajjeb l-attur, huwa (ossia l-konvenut) fil-kwalità rappreżentattiva, u qatt personali, tiegħu dejjem agixxa bħala mandatarju ta' u fuq istruzzjonijiet u inkarigu ta' Emanuel Bajada, sid il-fond "Adam's Guest House" f'San Giljan, illi kien il-fond fejn, kif ikkonfermat mill-istess attur fir-Rikors promotur, ġie installat l-apparat illi għalih tirreferi din il-kawża; (ii) f'dan il-każ jeħtieġ illi jiġi kjamat in kawża l-prinċipal tiegħu (ossia tal-konvenut), fil-kwalità rappreżentattiva u mhux personali tiegħu, ossia s-sid ta' l-"Adam's Guest House", Emanuel Bajada; u (iii) huwa dejjem agixxa fil-kwalità tiegħu ta' mandatarju ta' Emanuel Bajada, mhux f'ismu proprju iżda għan-nom tas-soċjetajiet RC Constructions Ltd u Varex Ltd, kif jirriżulta mill-invoices annessi mar-Rikors promotur, u għalhekk anke minn dan l-aspett huwa ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur u għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fuq talba tal-konvenut avvanzata b'Rikors ippreżentat fil-11 ta' Ġunju 2007[21], liema talba ġiet milqugħa b'Digriet mogħti fil-21 ta' Frar 2008[22], ġie kjamat in kawża Emanuel Bajada illi jilqa' għat-talba attriċi bis-segwenti eċċezzjonijiet: (i) it-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt peress illi huwa ma għandu u ma kellu ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; (ii) kull obbligazzjoni mertu ta' din il-kawża kienet assunta mill-konvenut; u (iii) kull ammont li jista' jkun dovut, tħallas minnu (ossia mill-kjamat in kawża) lill-konvenut.

Għal kull buon fini jiġi osservat illi bid-Digriet tal-21 ta' Frar 2008 ġiet indirizzata t-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut u għaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha. Jifdal għalhekk li tiġi trattata t-talba attriċi fid-dawl ta' l-eċċezzjonijiet l-oħra sollevati mill-konvenut u ta' l-eċċezzjonijiet sollevati mill-kjamat in kawża.

Mill-provi prodotti jirriżultaw is-segwenti fatti:

- Oriġinarjament il-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, kien proprjetà tas-soċjetà Mayfair Holdings Limited, li tagħha ċertu Frank Bajada, hu l-kjamat in kawża, kien direttur prinċipali[23];
- Sussegwentement il-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, ġie akkwistat mill-kjamat in kawża[24];
- Il-konvenut jaħdem bħala turnkey contractor u kien ġie nkarigat mis-soċjetà Mayfair Holdings Limited sabiex jagħmel xogħlijiet strutturali u ta' alterazzjonijiet fil-fond imsemmi[25];
- Fost ix-xogħlijiet li ġew esegwiti f'dan il-fond, ix-xogħol ta' l-elettriku sar minn ċertu David Tabone u x-xogħol għas-sistema tas-sigurtà sar mill-attur[26];

[21] Fol. 42 tal-proċess.
[22] Fol. 64 tal-proċess.
[23] Xhieda mogħtija mill-kjamat in kawża waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2008, fol. 81 sa' 83 tal-proċess.
[24] Ibid.
[25] Xhieda mogħtija mill-konvenut waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2009, fol. 88 sa' 92 tal-proċess.
[26] Ibid.

- David Tabone rċieva l-inkarigu għall-esekuzzjoni tax-xogħol ta' l-elettriku fil-fond mingħand il-konvenut li però talbu joħroġ il-*quotation* fuq is-soċjetà Mayfair Holdings Limited u tħallas hekk kif beda għaddej ix-xogħol. Uħud mill-ħlasijiet saru b'cheques maħruġa mill-konvenut filwaqt li uħud mill-ħlasijiet l-oħra saru b'cheques maħruġa mill-kjamat in kawża. Ċerta ħlasijiet oħra saru *cash* iżda ma rriżultax eżatt minn min saru[27];
- Eventwalment, peress li nqala' disgwid bejn il-kjamat in kawża u l-konvenut, l-aħħar pagamenti lil David Tabone ġew effettwati mill-kjamat in kawża[28];
- Kien dan David Tabone li laqqa' lill-attur mal-konvenut peress illi kien jaf li dak iż-żmien l-attur kien qed ifittex ix-xogħol[29];
- Bi ftehim datat 10 ta' Awwissu 2004, iffirmat mill-attur u mill-konvenut, intlaħaq il-ftehim dwar ix-xogħlijiet li kellhom jiġu esegwiti mill-attur fil-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan[30];
- L-attur irċieva ħlas tas-somma ta' Lm6,402.48 u baqa' bilanċ x'jitħallas fl-ammont ta' Lm3,700[31].

Il-mertu ta' dawn il-proċeduri jirrivolvi madwar min, bejn il-konvenut, u dana addirittura lanqas f'ismu personali imma se mai għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà RC Constructions Limited u/jew tas-soċjetà Varex Ltd, u l-kjamat in kważa, għandu jkun tenut responsabbli għall-hlas tal-bilanċ pretiż mill-attur. Kemm il-konvenut kif ukoll il-kjamat in kawża jikkontendi li huwa ma għandux ikun tenut responsabbli għal dan il-ħlas peress li ma għandux relazzjoni ġuridika ma' l-attur. Il-konvenut jikkontendi li huwa dejjem aġixxa *qua* mandatarju tal-kjamat in kawża u għaldaqstant huwa l-kjamat in kawża li għandu jħallas il-bilanċ pretiż ta' Lm3,700, filwaqt li l-kjamat in kawża jikkontendi li kwalunkwe ftehim li seta' sar, sar mal-konvenut u  mhux miegħu u għalhekk għandu jkun il-konvenut li jitqies u jinżamm responsabbli għall-ħlas pretiż.

Fir-rigward ta' kontestazzjoni għal pretensjoni bbażata fuq il-kunċett tar-relazzjoni ġuridika, speċifikatament fuq in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika, issir referenza għal dak osservat minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **E. Grech Cristal Baths Limited v. Rainbow Turnkey Projects Limited et, Avviż Nru. 8/15** deċiża fit-8 ta' Lulju 2015: *b'relazzjoni ġuridika wieħed neċessarjament jifhem l-eżistenza ta' rapport bejn żewġ partijiet in virtù ta' liema l-wieħed, kreditur, għandu id-dritt jippretendi mingħand l-ieħor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tiegħu. Obbligazzjoni din li tista' tkun waħda kemm 'di dare' jew 'di fare' jew 'di non fare'. Tali rapport obbligatorju jista' jkun wieħed fis-sens strett u jista' jkun ikollu ukoll dimensjoni aktar wiesgħa*[32]*. … Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza ukoll għas-sentenza fl-ismijiet "Frankie Refalo et v. Jason Azzopardi*

---

[27] Xhieda mogħtija minn David Tabone Waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2009, fol. 105 u 106 tal-proċess.
[28] Ibid.
[29] Ibid.
[30] Dok. "A" a fol. 2 sa' 5 tal-proċess.
[31] Fol. 27 tal-proċess.
[32] Vide wkoll Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma pro et noe v. Emanuel Grixti, Appell Ċivili Nru. 506/03 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Jannar 2007.

*et, deċiża nhar il-5 ta' Ottubru 2001 mill-Qorti ta' l-Appell dwar l-istitut tal-leġittimu kontradittur. Dik il-Qorti sostniet li: "Biex jiġi stabilit jekk parti in kawża kinitx jew le leġittimu kontradittriċi tal-parti l-oħra, il-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna ċitata fil-ġudizzju kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, ħoloq ir-relazzjoni ġuridika li minna twieldet l-azzjoni fit-termini proposti. Jekk dan in-ness jiġi stabbilit, il-persuna ċitata setgħet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi għat-talbiet attrici, in kwantu dawn ikunu jaddebitawlha obbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan in kwantu l-premessi għaliha, jekk provati, setgħu jwasslu għall-kundanna mitluba f'każ li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jopponi għaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeċiedi li l-konvenut kien ġie sewwa ċitat in kwantu jkun stabbilit li l-interess ġuridiku tiegħu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu neċessarjament ikun finalment tenut bħala l-persuna responsabbli biex tirrispondi għat-talbiet attriċi kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eċċezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attriċi kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn ħaddieħor ukoll in kwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jiġi wkoll ċitat bħala leġittimu kontradittur fil-kawża.*

Mill-provi prodotti jirriżulta b'mod ċar li l-konvenut ingħata appalt għal xogħlijiet strutturali w alterazzjonijiet mis-soċjetà Mayfair Holdings Limited *qua* proprjetarja tal-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, liema fond sussegwentement u fl-istadju meta kienu għadhom qed jiġu esegwiti ix-xogħlijiet sar di proprjetà tal-kjamat in kawża. Dan l-appalt ittieħed mill-konvenut bħala *turnkey contract* b'dana għalhekk li l-konvenut a sua volta inkariga diversi sub-appaltaturi biex jesegwixxu aspetti partikolari ta' l-appalt. L-attur fil-fatt kien is-subappaltatur inkarigat mill-provvista w installazzjoni ta' tagħmir ta' sigurta, senjatament konsistenti f'*fire, security* u *cctv equipment*. Il-ftehim li a bażi tiegħu l-attur ipprovda w installa t-tagħmir in kwistjoni huwa l-ftehim datat 10 ta' Awwissu 2004 esebit bħala Dok. "A" a fol. 2 sa' 5 tal-proċess. Minn dan il-ftehim jirriżulta li l-istess huwa indirizzat lill-konvenut f'ismu personali[33] mingħajr indikazzjoni ta' ebda soċjetà u/jew persuna oħra u huwa ffirmat mill-konvenut f'ismu peronali, għall-darb' oħra mingħajr indikazzjoni ta' ebda soċjetà u/jew persuna oħra[34].

Huwa prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li: *bħala punt ta' prinċipju in materja ta' kontrattazzjonijiet jinsab paċifikament riċevut illi 'hija ħaġa minn lewn id-dinja li bniedem normlament jikkontratta għalih innfisu sakemm ma jindikax li qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor jew jekk dan ma jindikax espressament, il-kontraent l-ieħor ikun raġonevolment jaf li jkun qiegħed jikkontratta f'isem ħaddieħor[35]. … il-prova kontrarja naturalment kellha tispetta l-persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' ħaddieħor.*

[33] Fol. 2 tal-proċess.
[34] Fol. 5 tal-proċess.
[35] Frank Cilia noe v. Charles Scicluna, deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fis-27 ta' April 1992.

*Dan mhux biss kellu jipprova li hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddieħor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkontratta u dan sal-mument meta l-ftehim ikun ġie finalizzat*[36]. Il-Qrati tagħna diversi drabi enunċjaw il-prinċipju ulterjuri li *hu dak il-mument li kien rilevanti* [ossia l-mument tal-kontrattazzjoni] *u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kuntrattazzjoni ma kienx qiegħed jidher f'ismu imma f'isem persuna oħra ben identifikata. Kellu jassigura li dan il-fatt ikun ġie sewwa a konoxxenza tas-soċjetà attriċi f'dak il-mument għaliex altrimenti jkun qiegħed jassumi personalment ir-responsabilità għan-negozju minnu kontrattat u għall-obbligi li kien jimporta*[37].

Issir referenza wkoll għal dak osservat mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza fl-ismijiet **Raymond Bartolo et noe v. Frank Cachia pro et noe, Appell Nru. 719/06** deċiża fl-14 ta' Diċembru 2018, fejn apparte li enunċjat il-prinċipji hawn appena ċitati dik il-Qorti osservat ulterjorment illi: *minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' xi servizz f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza persuna, u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li ikkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor… Ingħad ukoll li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel l-allegazzjoni bħal din, u f'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-principji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi. Il-preżunzjoni maħluqa b'dan il-prinċipju hija waħda 'juris tantum' u tista' titwaqqa' bi prova kuntrarja li trid tinġieb minn min jgħid li kien qiegħed jidher fuq negozju f'isem ħaddieħor.* Fis-sentenza fl-ismijiet **Bonsons Limited v. AIC Catherine Galea, Appell Nru. 984/98** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 2001, ġie in oltre osservat illi: *sewwa jingħad li l-prova meħtieġa biex tiġi newtralizzata din il-preżunzjoni 'juris tantum' tvajra sewwa minn każ għal ieħor. Jispetta lill-ġudikant li jiżen iċ-ċirkostanzi ta' kull każ biex jasal għall-konvinċiment jekk kellux jew le jkun apparenti illi xi parti kienet qed tidher in rappreżentanza ta' ħaddieħor. Ċerti każijiet huma ovvji, oħrajn mhux daqshekk ovvji. Fejn hemm dubju però, wieħed kellu jippreżumi illi l-persuna li qed tikkontratta kienet hekk qed tagħmel f'isimha proprju.*

Il-konvenut jirribatti għall-posizzjoni ġuridika kif tirriżilta *ictu oculi* mill-ftehim datat 10 ta' Awwissu 2004 billi jikkontendi li: (i) huwa qatt ma aġixxa

[36] Lawrence Formosa et noe v. Silvio Felice, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999. Cutrico Services Limited v. Mauro Pace Parascandalo et, Appell Ċivili Nru. 1046/00 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2004. Vide wkoll Direttur ta' l-Informazzjoni v. Joseph Carbonaro, Ċitaz. Nru. 498/89 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru 2003, Dr. Tanya Sammut noe v. Bortex Clothing Ind. Co. Ltd., Ċitaz. Nru. 706/00 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Diċembru 2002, Electronic Products Limited v. Emanuel Micallef et, Ċitaz. Nru. 633/01 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-10 ta' Ottubru 2001, Lawrence Attard noe v. Sergio Manchè et, Ċitaz. Nru. 110/92 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Lulju 2002 u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell b'sentenza pronunċjata fl-4 ta' Novembru 2005.

[37] John Vella noe v. Anthony Vella et, deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Diċembru 1999. Vide wkoll Legend Real Estate v. Ron Chetcuti, Appell Ċivili Nru. 120/01 deċiza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru 2003.

f'ismu personali in kwantu huwa kien u dejjem aġixxa bħala mandatarju tal-kjamat in kawża Emanuel Bajada, proprjetarju tal-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan; u (ii) fi kwalunkwe każ, anke bħala mandatarju ma kienx qed jaġixxi f'ismu personali imma għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà RC Constructions Ltd. u/jew tas-soċjetà Varex Ltd., skontu kif rikonoxxut mill-istess attur meta ħareġ fatturi f'isem l-imsemmija żewġ soċjetajiet.

Fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti l-konvenut iddikjara li huwa kien ngħata appalt mis-soċjetà Mayfair Holdings Limited, bil-kuntatt bejnu u l-imsemmija soċjetà jkun il-kjamat in kawża, u spjega l-mod kif kien jinkariga w eventwalment iħallsu d-diversi sub-appaltaturi li ħadmu fil-fond in kwistjoni. Fir-rigward huwa ddikjara li: *Jiena naħdem bħala kuntrattur fil-bini u turnkey. Jiena kont ġejt imqabbad nagħmel xogħlijiet strutturali w alterazzjonijiet fil-fond magħruf bħala "Adam's Guest House" San Ġiljan. Bnejna kamra fuq kif ukoll oħra għall-lift. Bnejna x-shaft tal-lifs u installajna lift u biddilna ukoll il-madum tal-fond kollu. Daħħalna wkoll l-elettriku kif ukoll is-sistema tal-plumbing u kmamar tal-banju. Kienet is-soċjetà Mayfair Holdings illi qabditni nagħmel dan ix-xogħol. Bħala contact person kelli lil Emanuel Bajada, il-kjamat in kawża. Mistoqsi jekk jiena tħallastx għax-xogħol li jiena għamilt ngħid illi jiena rċevejt cheque tal-bank ta' ħamest elef lira. Ix-xogħol ta' l-elettriku inħadem mill-electrician David Tabone. Id-ditta ta' Stephen Micallef għamlet is-sistema tas-sigurtà kif ukoll il-fire alarms. Darba tkellimt ma' Stephen Micallef però għal kumplament tax-xogħol tkellimt ma' wieħed jismu Matthew Mifsud. Kien bniedem tekniku illi miegħu ddiskutejt liema l-aħjar sistemi li kellna nużaw f'dawk l-ambjenti. Qabel ma bdejna x-xogħol però Stephen Micallef kien ħariġli l-quotations u kont urejthom ukoll lis-Sur Bajada ta' Mayfair Holdings. … Biex inbeda x-xogħol jiena tajt lil Stephen Micallef cheque ta' tlett elef lira. Waqt illi x-xogħol kien għaddej Emanuel Bajada tah cheque ta' elf lira u ħames mitt lira oħra. Jiena kont preżenti meta ngħata dak ic-cheque iżda ma niftakarx meta sar il-pagament. Naf biss illi x-xogħol kien wasal fl-aħħar. Jiena ma kelli l-ebda kuntatt mal-Malta Tourism Authority. Il-permessi ma kienux fuq ismi iżda fuq Mayfair Holdings. Fil-fatt Stephen Micallef meta spiċċa x-xogħol suppost kellu jiċċertifikah u jagħti ċertifikat lis-sid ħalli jippreżentah lill-Malta Tourism Authority ħalli l-lukanda tkun tista' topera. Is-Sur Micallef lili ma tani l-ebda ċertifikat u nassumi li dan iċ-ċertifikat ingħata lil Mayfair Holdings. Sa' fejn naf jien il-lukanda qiegħda topera u tilqa' n-nies*[38].

In kontro-eżami l-konvenut iddikjara ulterjorment illi: *bejni u bejn is-Sur Bajada m'hemm l-ebda dokument bil-miktub dwar l-inkarigu li jiena kelli. L-arrangament li jiena kelli mas-Sur Bajada kien illi meta jibda jopera l-lukanda u jibda ġej ix-xogħol, allura f'dak il-każ nibda nitħallas. Ix-xogħol kollu li sar fil-lukanda sar a bażi tal-quotations. Anke x-xiri tas-saqqijiet. L-unika ħaġa li ma hemmx quotations huwa l-bini tal-kamra ta' fuq il-bejt illi bejn wieħed u ieħor ġiet xi sitt elef lira. Għal dak li huwa ħlas tiegħi l-ftehim kien illi kelli*

[38] Xhieda mogħtija mill-konvenut waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2009, fol. 88 sa' 92 tal-proċess.

*nitħallas permezz tal-commission, tax-xogħol u l-affarijiet li jinxtraw. Għal dak li huwa mano d'opera ma kien hemm l-ebda ftehim, iżda fuq ix-xogħol ta' Stephen Micallef u fuq ix-xogħol li għamel David Tabone l-electrician jiena ma ħadt xejn. Jiena kont inżomm record ta' l-ammonti li kienu dovuti lili mill-invoices li kont nirċievi u kien għalhekk li Manuel Bajada għamilli ħlas akkont ta' ħamest elef lira. … Il-madum ta' l-art jiena xtrajtu mingħand id-ditta bl-isem ta' Rea Ceramics. Kont inħallas cash u kont nirċievi l-irċevuta meta titħallas il-vat però invoice għadha ma ħarġitx. Il-vat għadni ma ħallasthiex. Kull ma ħallast kien biss tal-madum. Qiegħed niġi muri d-dokumenti minn fol. 52 sa' fol. 57* (ossia l-job sheets esebiti minn Cynthia Micallef waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2008). *Dawn il-paġni kollha fihom il-firma tiegħi fit-tarf tagħhom. Mistoqsi għaliex dawn l-invoices ħarġu kollha fuq ismi personali ngħid illi meta mort nixtri kienu jistaqsuni fuq min nagħmel l-isem, jiena kont nagħtihom ismi. Qieghda tiġi miġbuda għall-attenzjoni tiegħi x-xhieda li hemm a fol. 47 fejn ingħad illi jiena ħriġt cheque ta' elf u ħames mitt lira fuq l-HSBC. Ngħid li jiena fuq dak il-bank ma għandix kont. Jiena naħdem mal-Bank of Valletta. L-electrician David Tabone kont inkarigajtu jiena. Qabel ma beda x-xogħol jiena kont tajtu xi pagamenti però tajtu xi pagamenti oħra waqt li x-xogħol kien għaddej però imbagħad il-bqija ħallsu Emanuel Bajada. Naħseb li b'kollox ħriġt is-somma ta' erbgħin elf lira għal Emanuel Bajada. Din is-somma telgħet fuq medda ta' disa' xhur. Il-ftehim mas-Sur Bajada kien illi huwa jħallasni ma in mano li jibda jopera l-lukanda jew inkella meta jbiegħha fl-intier tagħha. Dokumenti bil-miktub m'għandix. Mistoqsi kif jista' jkun illi jiena ħriġt din iċ-ċifra kollha mingħajr dokumenti għan-nom ta' ħaddieħor, ngħid illi x-xogħol tagħna huwa kollu hekk. … Titħallas għal biċċa xogħol. Forsi titlef xi ftit flus minn biċċa xogħol oħra u ħaġa tpatti ma' oħra. Mistoqsi kif sirt naf lil Stephen Micallef ngħid illi kien David Tabone l-electrician li introduċieni miegħu. Għas-sistema ta' l-alarm u security ma kienetx l-unika ditta li qabbadna u ġibna quotations mingħand ditti oħra, iżda ta' Stephen Micallef kienet l-irħas waħda u għalhekk iddeċidejna li nqabbdu lilu ħalli jagħmel ix-xogħol*[39].

Huwa evidenti li l-konvenut jikkontendi li l-kjamat in kawża għandu jkun tenut responsabbli għall-ħlas pretiż mill-attur in bażi għall-fatt li llum l-imsemmi kjamat in kawża huwa l-proprjetarju tal-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, u għaliex, skont l-istess attur, il-kjamat in kawża effettwa pagamenti direttament lill-attur. Fil-fehma tal-Qorti però il-pretensjoni tal-konvenut hija għal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u bħala tali ma treġix.

Jibda biex jiġi osservat li l-kjamat in kawża Emanuel Bajada, għad li ma jiċħadx li llum huwa l-proprjetarju tal-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, u li l-konvenut effettivament kien qed jagħmel xogħlijiet fl-imsemmi fond fuq inkarigu ta' huh Frank Bajada, direttur tas-soċjetà Mayfair Holdings Limited, proprjetarja oriġinali ta' l-imsemmi fond, huwa kategorikament jiċħad li personalment qatt ta inkarigu/inkarigi lill-

[39] Xhieda mogħtija mill-konvenut waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2009, fol. 88 sa' 92 tal-proċess.

konvenut u wisq inqas lill-attur għall-installazzjoni ta' *fire extinguishers* u *cctvs* fl-imsemmi fond.

Fir-rigward huwa ddikajra: *il-konvenut Raymond Micallef nafu bħalma naf ukoll fejn qiegħda l-lukanda "Adam's Guest House" f'Ross Street, San Giljan. Il-fond huwa proprjetà tiegħi. Qiegħda tiġi moqrija parti minn dak illi qal Raymond Micallef li huwa kien qiegħed jaġixxi f'dak il-fond b'mandat u fuq inkarigu tiegħi. Ngħid illi dana mhuwiex minnu. Nibda biex ngħid illi l-fond Adam's Guest House oriġinarjament kien proprjetà ta' Mayfair Holdings, li hija Frank Bajada kien direttur prinċipali. Hija ma jgħix Malta u jiena xtrajt il-fond mingħandu permezz ta' prokura. Raymond Micallef il-konvenut kien inkarigat biex jibni sular. L-inkarigu kien tahulu hija iżda l-konvenut baqa' sejjer. Iġiblu n-nies, issa bajjada, issa electricians u jagħmel ix-xogħol. Hija Frank kien xeba' minnu u meta jiena xtrajt il-fond mingħand Frank, il-konvenut kien għadu qed jaħdem, iżda jiena ma tajtu l-ebda inkarigu. Dak iż-żmien ma kontx ngħix Malta, niġi nagħmel ġimgħa u nerġa' mmur lura. Id-dar ridt nirrangaha u nerġa' nbiegħha. Jiena naf illi l-konvenut irċieva ħafna flus, kemm mingħand hija u kemm mingħandi u kont għditlu sabiex iġibli l-irċevuti ħalli naqtgħu l-kontijiet. … Meta xtrajt il-fond jien il-maġġoranza tax-xogħlijiet kienu lesti. Jiena naf illi l-fire extinguishers kienu fil-fond u naf ukoll li hemm ic-cctv iżda ma kontx jiena li nkarigajt lill-konvenut biex iwaħħlu. Jiena mingħalija kien l-electrician li għamel dak ix-xogħol u ħallastu. Fil-fatt lill-electrician ħallastu sittax-il elf lira illi jidhirli li hija somma kbira għal fond wieħed. Ma kontx jiena li nkarigajt lill-konvenut jordna l-merkanzija li ġab mingħand l-atturi. Lill-atturi qatt ma kellimthom u ma nafhomx. L-intenzjoni tiegħi kienet li nirranġa d-dar u nbiegħha. Ma ridtx nagħmel commitments u lanqas nagħmel xogħlijiet żejda u kien għalhekk jiena lill-konvenut ma tajtu l-ebda inkarigu. … Qed jiġi indikat lili l-attur preżenti fl-awla u nista' niddikjara li l-attur ma nafux u qatt ma ltqajt miegħu*[40].

Apparte miċ-ċaħda tal-kjamat in kawża huwa prinċipju assodat f'kuntest ta' kuntratti ta' appalt illi: *il-kuntratt ta' appalt ma jista' jiġi bl-ebda mod relatat mal-proprjetà tal-fond li fih ix-xogħlijiet kellhom jiġu, kif fil-fatt ġew, esegwiti. … ir-relazzjoni ġuridika li tinħoloq bi ftehim ta' appalt, kienet waħda personali u mhux relatata mal-fond u konsegwentement il-presunzjoni 'juris tantum' kellha tkun illi min jikkuntratta kien qiegħed jikkuntratta f'ismu personalment. Prova kuntrarja naturalment kellha tispetta lill-persuna li kien qed jidher f'isem u għan-nom ta' ħaddieħor. Dan mhux biss kellu jipprova hu kien qiegħed jaġixxi bħala mandatarju ta' ħaddieħor imma wkoll kellu jipprova illi tali fatt kien ġie a konoxxenza tal-persuna li magħha jkun qiegħed jikkontratta u dana sal-mument meta l-ftehim ikun ġie finalizzat*[41].

Fil-każ in eżami l-konvenut ma rnexxilux jipprova b'mod sodisfaċenti li huwa kien għarraf lill-attur li kien qed jikkontratta miegħu bħala mandatarju tal-

[40] Xhieda mogħtija mill-kjamata in kawża waqt is-seduta tat-12 ta' Novembru 2008, fol. 81 sa' 83 tal-proċess.
[41] D&S Lifts Limited v. Joseph Farrugia, Appell Ċivili Nru. 257/02 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Mejju 2004.

kjamat in kawża, proprjetarju tal-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, u mhux f'ismu personali. Kif jirriżulta mix-xhieda tal-konvenut iktar 'l fuq ċitata, meta kien jiġi mistoqsi fuq min kellhom jinħarġu l-quotations relatati ma' dan il-proġett huwa dejjem kien jagħti ismu, hekk kif ġara anke fil-każ tal-konvenut kif jidher mill-ftehim datat 10 ta' Awwissu 2004. Apparte mill-fatt li l-imsemmi ftehim huwa ffirmat mill-konvenut mingħajr indikazzjoni li kien qed jiffirma għan-nom ta' terza persuna, jirriżulta wkoll li il-konvenut iffirma l-job sheets relattivi għax-xogħol esegwit u dan għal darb' oħra mingħajr indikazzjoni li kien qed jiffirma għan-nom ta' terza persuna. Fir-rigward il-Qorti tqis li japplika l-prinċipju li *quando il mandatario nell'atto della contrattazione non rivela il nome del mandante, per il quale tratta l'affare, egli agisce in proprio nomine, e il mandante non ha azione contro i terzi, e questi non hanno azione contro il mandante - Kollez. Vol. IX pagna 759; Artikolu 1871, Kodiċi Ċivili*[42].

Għalkemm il-konvenut ressaq bħala xhieda lil David Tabone[43], l-electrician li ħadem fil-fond, u lil Ignazio Mallia[44], il-persuna li tramite s-soċjetà tiegħu ipprovda w installa l-lift fil-fond in kwistjoni, bil-għan li jistabilixxi l-involviment tal-kjamat in kawża u per konsegwenza r-responsabilità tiegħu għall-ħlas, jiġi osservat li kwalunkwe ftehim u/jew arranġament li kien hemm jew seta' kien hemm bejn il-kjamat in kawża u David Tabone u bejn il-kjamat in kawża u Ignazio Mallia kien *res inter alios acta* għall-attur u għaldaqstant il-posizzjoni ġuridika tal-kjamat in kawża vis-à-vis David Tabone u/jew Ignazio Mallia mhux neċessarjament tirrifletti ruħha fuq jew fil-konfront ta' l-attur. Din l-osservazzjoni ssib sostenn fil-prinċipju ġuridiku li *kuntratt li fih persuna ma tkunx parti, hu res inter alios acta għaliha. Dan il-prinċipju hu rifless fil-Kodiċi Ċivili: Artikolu 992(1) "Il-kuntratti magħmula skond il-Liġi għandhom saħħa ta' liġi għal dawk li jkunu għamluhom" u Artikolu 1001 "Il-kuntratti għandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistgħux ikunu ta' ħsara jew ta' ġid għal haddieħor, ħlief fil-każijiet li tgħid il-Liġi"*[45].

Għaldaqstant, kien x'kien l-arranġament li seta' kien hemm, jekk kien hemm, bejn il-kjamat in kawża u David Tabone u l-kjamat in kawża u Ignazio Mallia, dan bl-ebda mod ma għandu jew jista' jeffettwa l-posizzjoni ta' l-attur li s'issa kjarament jirriżulta li kienet waħda ta' relazzjoni ġuridika mal-konvenut u mhux mal-kjamat in kawża.

Il-konvenut jikkontendi wkoll li l-kjamat in kawża huwa responsabbli għall-ħlas versu l-attur għaliex huwa kien effettwa ħlasijiet direttament lill-istess

[42] GasanMamo Insurance Agency Limited noe v. Anton Cuschieri et, Appell Ċivili Nru. 562/02 deċiża mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-23 ta' Novembru 2005.
[43] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2009, fol. 105 u 106 tal-proċess.
[44] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Frar 2010, fol. 162 u 163 tal-proċess, tat-23 ta' Mejju 2011 a fol. 211 u 212 tal-proċess, tas-17 ta' Ottubru 2011, fol. 217 u 218 tal-proċess u d-dokument a fol. 216 tal-proċess.
[45] Central Mediterranean Development Corporation Limited v. Direttur ta' l-Uffiċċju Konġunt et, Ċitaz. Nru. 443/08 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Diċembru 2011 u Mafimex Limited v. Saviour Muscat et, Ċitaz. Nru. 1213/15 deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-20 ta' Marzu 2019.

attur, affermazzjoni din però miċħuda mill-kjamat in kawża li anzi kategorikament iddikjara li lill-attur ma jafux, qatt ma rah u qatt ma nkarigah jagħmel xogħlijiet fil-fond "Adam's Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan. Anke mingħajr din iċ-ċaħda tal-kjamat in kawża però dak affermat mill-konvenut ma jissussistix, anzi jinsab kontradett mix-xhieda mogħtija minn Audrey Ghigo in rappreżentanza ta' l-HSBC Bank Malta p.l.c.[46] u mid-dokumenti minnha esebiti, kif ukoll mix-xhieda tan-Nutar Mark Coppini[47]. In effetti minn din ix-xhieda u dokumenti jirriżulta li l-ħlasijiet saru mill-kjamat in kawża lill-konvenut li imbagħad min-naħa tiegħu ħallas lill-attur u dana permezz ta' pagamenti *ad hoc* jew billi ġġira cheques maħruga lilu mill-kjamat in kawża. B'hekk, kuntrarjament għal dak pretiz mill-konvenut fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tiegħu[48], hawn ma hawnx sitwazzjoni fejn il-kjamat in kawża ħallas lill-attur iżda biss sitwazzjoni fejn l-attur tħallas biss u dejjem mill-konvenut.

Il-Qorti tirribadixxi għalhekk li fil-fehma tagħha l-kjamat in kawża ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur u per konsegwenza ma għandux ikun tenut responsabbli għall-ħlas tas-somma ta' Lm3,700, ekwivalenti għal €8,618.68, pretiża mill-istess attur.

Il-konvenut jeċċepixxi wkoll li fi kwalunkwe każ huwa f'ismu personali ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur in kwantu huwa kien qed jidher għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà RC Constructions Limited u tas-soċjetà Varex Limited, ħaġa din li skontu l-attur kien konxju minnha tant illi l-fatturi nħarġu fuq dawn iż-żewġ soċjetajiet.

Għalkemm huwa minnu li numru ta' fatturi[49] nħarġu b'isem is-soċjetà Varex Co. Ltd. u/jew RC Constructions fuqhom, u dan skond l-attur fuq talba ta' l-istess konvenut wara li l-ftehim ġia kien sar u x-xogħol kważi kompletat[50], ma jfissirx li b'daqshekk il-konvenut kien qed jidher għan-nom u in rappreżentanza ta' dawn is-soċjetajiet fil-mument li nħolqot il-kuntrattazzjoni ma' l-attur. Di fatti minkejja dawn il-fatturi, huwa evidenti li fil-mument li nħolqot ir-relazzjoni ġuridika ma' l-attur il-konvenut bl-ebda mod indika li seta' kien qed jidher mhux fil-kapaċità tiegħu personali iżda għan-nom ta' xi waħda jew entrambe l-imsemmija soċjetajiet. Huwa l-mod kif il-konvenut ippropona u pprospetta lilu nnifsu f'dan il-mument li jiddetermina r-relazzjoni ġuridika riżultanti u dana billi hekk kif osservat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **D&S Lifts Limited v. Joseph Farrugia, Appell Ċivili Nru. 257/02** deċiża fis-7 ta' Mejju 2004: *skond ġurisprudenza affermata l-konvenut kellu jipprova mhux biss illi l-kontrattazzjoni saret għas-soċjetà vera ġestita minnu imma wkoll illi fil-mument meta saret tali kontrattazzjoni s-socjetà attriċi kienet konsapevoli*

---

[46] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduti tat-18 ta' Frar 2010, fol. 164 u 165 tal-proċess, tad-29 ta' Marzu 2011 a fol. 203 tal-proċess u dokumenti esebiti a fol. 156 sa' 159 tal-proċess u a fol. 202 tal-proċess.
[47] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduti tad-9 ta' Jannar 2012, fol. 222 u 223 tal-proċess u tas-7 ta' Frar 2013, fol. 237 u 238 tal-proċess.
[48] Fol. 266 sa' 273 tal-proċess.
[49] Fol. 6 sa' 14 tal-proċess.
[50] Vide affidavit ta' l-attur, fol. 47 u 48 tal-proċess.

*ta' dan. "Hu dak il-mument li kien rilevanti u kien f'dak il-mument illi min innegozja mas-soċjetà attriċi kellu jirrileva b'mod ċar u univoku illi f'dik il-kontrattazzjoni ma kienx qed jidher f'ismu (jew f'isem is-soċjetà kif minnu dikjarat) imma f'isem persuna ohra ben identifikata" – "John Vella noe v. Anthony Vella", Appell, 3 ta' Dicembru 1999.*

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li tħares minn fejn tħares lejn il-każ in eżami jirriżulta li l-attur kellu u għad għandu relazzjoni ġuridika diretta mal-konvenut u huwa l-konvenut - u mhux il-kjamat in kawża - li għandu jħallas lill-attur is-somma ta' Lm3,700, illum ekwivalenti għal €8,618.68, rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovut għal xiri ta' *fire, security* u *cctv equipment* li twaħħlu minnu w impjegati tiegħu ġewwa "Adams' Guest House" Triq il-Lembi, San Ġiljan, skond kuntratt iffirmat mill-konvenut fl-10 ta' Awwissu 2004.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet sollevati mill-kjamat in kawża Emanuel Bajada u konsegwentement tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju;
2. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-tielet eċċezzjoni sollevata mill-kjamata in kawża Emanuel Bajada;
3. Filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni sollevata mill-konvenut, tiċħad l-ewwel u t-tielet eċċezzjonijiet sollevati mill-istess konvenut;
4. Tilqa' t-talba attriċi kif diretta fil-konfront tal-konvenut u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' €8,618.68, ekwivalenti għal Lm3,700, bl-imgħax legali dekoribbli mill-21 ta' Frar 2005, id-data ta' l-aħħar provvista magħmula mill-attur, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi l-ispejjeż relattivi għall-kjamat in kawża u dawk ta' l-Ittra Uffiċjali bin-Numru 8646/06, jibqgħu a karigu tal-konvenut.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**